SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4810**

Illum it-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 4710 li saret nhar it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

**1.1.1** Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa dwar il-*bollard* ta' Triq Tursin il-Bir u ġie nfurmat li din waslet u għandha titwaħħal mill-kuntrattur Karmig Trading Ltd.

**1.1.2** Is-Sindku rrefera għal minuta 7.1 tal-laqgħa preċedenti u qal li jidher li l-ġir li ntefgħa fuq ir-rampa fi triq l-Għansar sewa biex din ma baqgħatx tiżloq. Huwa qal li ser isir *rail* u l-ħaddiem tal-Kunsill għandu jdur il-fili u b' hekk ikun baqa' biss li tinbidel il-bankina ta' quddiem il-*flats*.

Is-Sindku rrefera wkoll għal minuta 7.3 u qal li fil-jiem li ġejjin ser jibda x-xogħol ta' *major patching* fi Triq Katerina Vitale kantuniera ma' Triq il-Fortizza. Huwa qal li l-kumpanija Go p.l.c. ġiet infurmata biex tibdel il-kaptelli qodma li għandha f'din il-parti tat-triq.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kellem lil Perit Buhagiar tal-Med Design dwar l-urġenza li toħroġ sejħa għall-offerti biex isir il-proġett tal-latrina pubblika f' Dawret it-Torri.

**1.1.3** Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għall-proposta tal-Kunsill biex issir reviżjoni tas-sistema tat-traffiku f'Santa Luċija u staqsiet f'hix waslu l-affarijiet. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li fit-23 ta' Awwissu 2010 kienet kitbet lit-Traffic Management Unit tal-Malta Transport Authority għall-approvazzjoni ta' din il-proposta. Hija qalet li meta ċemplet lit-Traffic Management Unit qalulha li qed isiru *site inspections* biex wara jitħejja rapport li jitla' quddiem il-bord li jiddeċiedi, biss jidher li hemm ħafna talbiet li ilhom ħafna aktar minn ta' dan il-Kunsill. Ġie deċiż li jintbagħt *reminder*.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tnejn, 15 ta' Novembru 2010 u t-Tlieta, 7 ta' Diċembru 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1522/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Monument kommemorattiv
- 1524/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirk. AKL 81/2010 – *Notice Board*
- 1225/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Devoluzzjoni ta' garaxx fi Triq id-Dawl
- 1533/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - Kuntratt ta' *Street Lighting*
- 1536/10/I – Transport Malta – *Road markings and Signs*
- 1544/10/I – Enemalta – Lampa fi Triq iż-Żnuber
- 1556/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura
- 1557/10/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Qari tal-provi bil-Malti
- 1558/10/I – Nature Trust – *Excessive tree pruning*
- 1560/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema Dwar Inizjattivi ta' attivitajiet

## 3. PUNTI IMQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1522/10/I is-Sindku nforma li fir-rigward tal-monument kommemorattiv, il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment li billi f'dan il-każ partikolari hemm element ta' soġġettività' u allura l-Kunsill ikun qed ifittex xi ħaġa partikolari, il-Kunsill jista' jibqa' miexi fuq l-iskultura li għażel.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1524/10/I il-Kunsill qabel li n-*notice board* bl-applikazzjonijiet li tirċievi l-Mepa għandu jitwaħħal f'Dawret it-Torri ħdejn il-ħwienet.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1225/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni ta' garaxx fi Triq id-Dawl intbagħtet lil Government Property Division biex tiġi pproċessata.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1533/10/I il-Kunsill ġie nfurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jista' jġedded il-kuntratt għal manutenzjoni ta' dawl tat-toroq għal perjodu ta' sena.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1536/10/I il-Kunsill innota ittra minn Transport Malta dwar il-manutenzjoni regolari tas-sinjali u marki tat-toroq.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1544/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Enemalta kienet bagħtet xi proposti għat-talba tal-Kunsill biex isir dawl ġdid fi Triq iż-Żnuber. Il-Kunsill qabel li jintalab *site meeting* biex dawn il-proposti jiġu spjegati aħjar.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1556/10/I il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjoni li ser tagħmel Malta f'isem il-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-laqgħa ta' nformazzjoni li attenda għaliha f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jara x'hemm involut biex il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1560/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar kors universitarju *part time* fil-qari tal-provi bil-Malta u huwa mmirat għas-Segretarji Eżekuttivi u l-istaff tal-Kunsill. Huwa qal li għal dan il-kors hemm ħlas ta' €400. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tara min hu nteressat li jattendi għal dan il-kors.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1558/10/I is-Sindku qara *e-mail* ta' Nature Trust dwar il-mod estensiv ta' kif qed isir iż-żbir tas-siġar ġo Santa Luċija. Il-Kunsill iddiskuta din l-*e-mail* u qabel mal-kontenut ta' l-*e-mail* fir-rigward tal-benefiċċji li jipproduċu dawn is-siġar, biss fil-kummenti tiegħu qal li bħala Kunsill għandu wkoll l-interess tar-residenti u mhux biss ta' l-għasafar. Saret referenza għal ħafna anzjani li jixgħu fil-appartamenti u l-unika sfog li għandhom huwa li jittawlu mill-gallarji u dawn qed ikollhom il-veduta tagħhom ostakolata mis-siġar li

kienu qed imissu mal-gallariji tagħhom. Il-Kunsill innota wkoll l-ilmenti li jirċievi mir-residenti dwar siġar li jwaqqgħu ż-żerriegħa u din toħloq periklu għax tagħmel it-toroq u l-passaġġi jiżolqu u mhux l-ewwel darba li żelqu xi nies. Il-Kunsill irrimarka wkoll dwar il-ħidma tal-Kunsill biex ikun hawn aktar siġar tant li għadhom kif tħawlu elf pjanta fl-*area* tal-Jogging Track.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1560/10/I is-Sindku rrefera għall-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet tal-Milied u qal li l-bord ta' l-evalwazzjoni ddeċieda li l-Kunsill mhux ser jingħata assistenza finanzjarja fuq din l-inizjattiva.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Inawgurazzjoni ta' Santa Luċija Football Ground*

Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni tal-*football ground* ta' Santa Luċija li qed tiġi organizzata minn uffiċċjali tal-Football Club. Huwa qal li kien irċieva nvit fil-ħanut tiegħu u nforma li jekk ma jistiednux il-Kunsill kollu, hu ma kienx ser jattendi. Il-Kunsill apprezza dan il-ġest.

### 4.2 *Premju Żgħażugħ tas-Sena 2010*

Is-Sindku bi pjaċir informa l-Kunsill li t-tfajla minn Santa Luċija, Ann Marie Agius, li ġiet innominata mill-Kunsill għal premju Żgħażugħ/a tas-Sena 2010 hija waħda mill-finalisti għal dan il-konkors prestiġjuż organizzat mill-Moviment Kerygma.

### 4.3 *Skema Lokalitajiet Indaf*

Is-Sindku nforma li l-Kunsill kien ingħata s-somma ta' €852.64 taħt l-iskema 'Lokalitajiet Indaf'.

### 4.4 *Skema ta' l-Awtorita' tad-Djar*

B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1550/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar ħabbret żewġ skemi għal titjib f'oqsma ta' djar tal-Gvern. Huwa qal li l-Kunsilli Lokali ser jingħataw il-fondi biex isir tisbieħ madwar il-blokks u inizjattivi edukattivi u soċjali għar-residenti. Skema oħra ser issir għal manutenzjoni fil-komun.

### 4.5 *CCTV Cameras*

Il-Kunsill iddiskuta qwotazzjoni ta' installazzjoni u kiri ta' CCTV *surveillance system*. Il-Kunsill qabel li jkollu aktar CCTV *cameras* f'postijiet prominenti u għaldaqstant għandha tintalab laqgħa mal-kuntrattur f'dan ir-rigward.

**4.6 *Trasport Pubbliku***

Is-Sindku tkellem dwar is-sistema l-ġdida tat-trasport pubbliku u ppreżenta pjanti tal-*bus routes* il-ġodda li ser jiġu fis-seħħ f'nofs is-sena d-dieħla. Huwa qal li jawgura li din is-sistema tkun effiċjenti bħal dik ta' pajjiżi ewropej. Il-Kunsill qabel li jsiru laqgħat għar-residenti b' mod speċjali dawk anzjani biex isiru jafu aħjar kif ser titħaddem din is-sistema. Il-Kunsill qabel ukoll li jagħti din l-informazzjoni wkoll permezz tan-*newsletter* tal-Kunsill.

**4.7 *Filming tal-Kunċert tal-Milied***

Il-Kunsill qabel li l-kunċert tat-Milied jiġi ffilmjat. Is-Sindku ppreżenta kwotazzjoni li tammonta għal €354 li ġiet approvata mill-Kunsill.

**4.8 *Ħarġa***

Il-Viċi Sindku s-Sur Balzan qal li kien ser jorganizza ħarġa kulturali fix-xahar ta' Jannar 2011.

**4.9 *Oħrajn***

Il-Kunsill qabel li:

- Issir mera fi Triq Katerina Vitale quddiem il-*bring in site.*
- Issir talba lil Awtorita' Dwar it-Trasport biex isiru *double yellow lines* mal-ħajt oppost tal-garaxxijiet li hemm fi Triq il-Fuxa.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3330 sa numru BOV3372 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għax-xahar ta' Novembru (CM48(01)).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 4710.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2010 Ammont *Gross* €4947.66

### *5.3 Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.-Nov.10 | 2061.50 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | Serv.Nov.10 | 491.35 |

## 6. AVVIŻ TA' INTERESS – LIBRERIJA PUBBLIKA Ref: PL(57/10/02)

Il-Kunsill iddiskuta offerta waħda li rċieva wara li ġie ppubblikat avviż ta' interess ref: PL(57/10/02) fejn il-Kunsill talab li jikri post adekwat għall-librerija pubblika. Din l-offerta tas-Sinjura Doreen Grech Scerri kienet tirrigwarda fond f'Dawret it-Torri li kien qed jiġi offrut b'kera ta' €10 kuljum li jistgħu jiġu riveduti kull sena. Il-fond kien qiegħed jiġi offrut ukoll għal bejgħ għas-somma ta' €139,762.40 (Lm60,000). Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jiddiskuti din l-offerta għan-nom tal-Kunsill u jitlesta kuntratt minn nutar biex finalment ikun jista' jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 7. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

Caroline Silvio – Segretarja Eżekuttiva 10%
Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv 6%
Claudia Costantino – Uffiċċjal Eżekuttiv 6%

**8. AWGURI TAL-MILIED**

Is-Sindku rringrazzja lil Kunsillieri, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha tal-ħidma siewja tagħhom u flimkien mal-Kunsilliera awgura lil kulħadd xewqat sbieħ u sena tajba.

**9. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa jiltaqa' nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011 fl-4.00p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati illum <u>it-Tnejn, 10 ta' Jannar 2011</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**